

Paġna ewlenija>Kwistjonijiet tal-familja u wirt>Proprjetà fiż-żwieġ u fis-sħubijiet ċivili>Il-Konsegwenzi Patrimonjali ta' Sħubijiet Irreġistrati  
Il-Konsegwenzi Patrimonjali ta' Sħubijiet Irreġistrati

Repubblika Ċeka

**1 Hemm forum differenti ta' "sħubijiet irreġistrati" f'dan l-Istat Membru? Spjega d-differenzi bejn il-forom differenti?**

Le. Il-leġiżlazzjoni Ċeka tirrikonoxxi biss forma waħda ta' sħubija rreġistrata: dik tal-għaqda permanenti ta' żewġ persuni tal-istess sess li jidhru fiha b'mod iddefinit bil-liġi.

**2 Hemm reġim ta' proprjetà statutorju għas-sħubijiet irreġistrati f'dan l-Istat Membru? X'jipprevedi? Għal liema forum ta' "sħubija rreġistrata" japplika?**

Is-sistema li tirregola l-beni tas-sħab irreġistrati mhijiex soġġetta għal trattament legali speċifiku. Is-sħubijiet irreġistrati ma jagħtux lok għal beni konġunti.

**3 Is-sħab, kif jistgħu jirregolaw ir-reġim tal-proprjetà tagħhom? X'inhuma r-rekwiżiti formali f'dan il-każ?**

Is-sistema li tirregola l-beni tas-sħab irreġistrati mhijiex soġġetta għal trattament legali speċifiku. Is-sistema tal-beni tagħhom hija soġġetta għar-regoli ġenerali dwar is-sjeda, is-sjeda konġunta u l-obbligazzjonijiet, irrispettivament mill-fatt ta' jekk ikunux qed jgħixu fi sħubija rreġistrata.

**4 Hemm restrizzjonijiet fuq il-libertà ta' kif jiġi rregolat reġim tal-proprjetà?**

Le, bl-eċċezzjoni tal-fatt li s-sħubijiet irreġistrati ma jistgħux iwasslu għal beni konġunti.

**5 X'inhuma l-effetti legali tax-xoljiment jew l-annullament fuq il-konsegwenzi patrimonjali tas-sħubija rreġistrata?**

It-tmiem ta' sħubija rreġistrata ma għandu l-ebda effett fuq is-sistema li tirregola l-beni tal-eks sħab irreġistrati.

**6 X'inhuma l-effetti legali tal-mewt fuq il-konsegwenzi patrimonjali tas-sħubija rreġistrata?**

Sieħeb irreġistrat huwa l-werriet statutorju tal-ewwel u tat-tieni kategorija tal-persuna deċeduta. F'aspetti oħra, il-mewt ta' wieħed mis-sħab irreġistrati ma jkollha l-ebda effett fuq is-sistema li tirregola l-beni tal-ieħor.

**7 Liema awtorità għandha l-kompetenza li tiddeċiedi f'każ relatat mal-konsegwenzi patrimonjali tas-sħubija rreġistrata?**

Is-sistema li tirregola l-beni tas-sħab irreġistrati mhijiex soġġetta għal trattament legali speċifiku. Fil-każ ta' tilwimiet dwar l-assi u l-obbligazzjonijiet, il-qorti għandha s-setgħa li taġixxi.

**8 X'inhuma l-effetti tal-konsegwenzi patrimonjali tas-sħubija rreġistrata fuq ir-relazzjonijiet legali bejn sieħeb u parti terza?**

Is-sistema li tirregola l-beni tas-sħab irreġistrati mhijiex soġġetta għal trattament legali speċifiku. Is-sistema tal-beni tagħhom hija soġġetta għar-regoli ġenerali dwar is-sjeda, is-sjeda konġunta u l-obbligazzjonijiet, irrispettivament mill-fatt ta' jekk ikunux qed jgħixu fi sħubija rreġistrata.

**9 Deskrizzjoni qasira tal-proċedura għad-diviżjoni, inklużi l-partizzjoni, id-distribuzzjoni u l-likwidazzjoni, tal-proprjetà tas-sħubija rreġistrata f'dan l-Istat Membru.**

Is-sistema li tirregola l-beni tas-sħab irreġistrati mhijiex soġġetta għal trattament legali speċifiku. Jekk l-eks sħab irreġistrati jkollhom sjeda konġunta tal-beni, jew ikollhom obbligazzjonijiet konġunti, japplikaw dispożizzjonijiet legali standard dwar is-sjeda konġunta u l-obbligazzjonijiet.

**10 X'inhuma l-proċedura u d-dokumenti jew l-informazzjoni tipikament meħtieġa għall-finijiet tar-reġistrazzjoni tal-proprjetà immobbli?**

Il-proċedimenti legali li jistabbilixxu jew jittrasferixxu dritt *in rem* għal assi immobbli, jew il-proċedimenti li jemendaw jew jirrevokaw tali drittijiet, iridu jkunu bil-miktub. Jekk it-trasferiment jinvolvi s-sjeda ta' assi immobbli li jiddaħflu f'reġistru pubbliku, it-tibdil fis-sjeda jidhul fis-seħħ permezz tat-tidħil f'dak ir-reġistru.

L-aħħar aġġornament: 14/12/2020

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.